# Fil-Qorti tal-Maġistrati (Malta)
**Bħala Qorti ta` Ġudikatura Kriminali**

*Maġistrat Dottor Aaron M. Bugeja M.A. Law, LL.D. (melit)*

**Il-Pulizija**
**(Spettur Saviour Baldacchino)**
**vs**
**Eric Sapiano**

Il-Qorti:

Wara li rat l-imputatazzjonijiet miġjuba kontra **Eric Sapiano** ta' 46 sena, bin il-mejtin John u Giorgina xebba Cassar, imwieled Ħ'Attard nhar il-5 ta' Frar 1969 u residenti fil-fond numru 67, F11, Triq Santa Margerita, Tas-Sliema u detentur tal-karta tal-identita bin-numru 134669M, fejn huwa ġie mixli talli :

Nhar it- 22 ta Frar 2012 f' xi hin wara nofs inhar, gewwa l-Knisja ta Ta' Giezu Ii tinsab Fi Triq san Gwann il-Belt Valletta:

1. ikkommetta serq ta' patrimonju Malti u cioe ta' kwadru u pittura antika dedikata lil Sant' Anna liema serq huwa ikkwalifikat bil-lok u bil-valur li huwa izjed min elfejn tliet mija u disgha u ghoxrin euro u sebgha w tletin centezmu (€2,329.37) ghad-dannu ta Fr. Giuseppe Caruana u/jew persuni jew entitajiet ohra. Art 261 (c)(e), 267, 269(a), 279(b) u 280(1) tal- Kodici Kriminali.

2. ircieva jew iddetjena proprjeta kulturali cioe kwadru antik u pittura antika dedikata lil Sant' Anna filwaqt li kien jaf li din kienet tnehhiet illegalment f' Malta bi ksur tal- Art.53 (e) tal- Kap 445 dwar Wirt Kulturali.

F'xi zmien bejn il- 21 u 27 ta' Awwissu 2014, gewwa l-Knisja ta Stella Maris fi triq il-Kbira Ta Sliema:

3. ikkommetta serq ta' patrimonju Malti ta' armar tal-testa fil-Knisja u cioe vazun tal-fidda antik liema serq huwa ikkwalifikat bil-lok u bil-valur li huwa izjed min elfejn tliet mija u disgha u ghoxrin euro u sebgha w tletin centezmu (€2,329.37) ghad-dannu ta Fr. Joseph Bartolo u/jew persuni jew entitajiet ohra (Art 261(c)(e), 267, 269(a), 279(b) u 280(1) tal-Kodici Kriminali.
4. ircieva jew iddetjena proprjeta kulturali cioe ta' armar tal-festa fil-Knisja u cioe vazun tal-fidda antik filwaqt li kien jaf li din kienet tnehhiet illegalment f' Malta bi ksur tal- Art.53 (e) tal- Kap 445 dwar Wirt Kulturali.

Nhar il-11 ta Frar 2015 f' xi hin filghodu gewwa Knisja Ta' San Pawl li tinsab fi Triq San Pawl il-Belt Valletta:

5. ikkommetta serq ta' armar tal-festa fil-Knisja u cioe gastra banjata fil-fidda ghad-dannu ta Dun Alexander Cordina u/jew persuni ohra liema serq huwa ikkwalifikat bil-lok u bil-valur. Art 261 (c)(e) , 267, 269(a), 279(a) u 280 tal-Kodici Kriminali.

Nhar it-30 ta' Awwissu 2014 f' xi hin wara nofs inhar, gewwa 1- Knisja Parrokkjali Ii tinsab gewwa Misrah il- Knisja, Safi:

6. ikkommetta serq ta' Patrimonju Malti u cioe ta' Pissidi antik tal-fidda liema serq huwa ikkwalifikat bil-lok u bil-valur li huwa izjed min elfejn tliet mija u disgha u ghoxrin euro u sebgha w tletin centezmu (€2,329.37) ghad- dannu ta Fr. David Farrugia u/jew persuni jew entitajiet ohra. Art 261 (c)(e), 267, 269(a), 279(b) u 280(1) tal- Kodici Kriminali.
7. ircieva jew iddetjena proprjeta kulturali u cioe Pissidi tal-fidda antik filwaqt li kien jaf li din kienet tnehhiet illegalment f' Malta bi ksur tal- Art.53 (e) tal- Kap 445 dwar Wirt Kulturali.

Nhar it- 18 ta' April 2015 wara nofs inhar, gewwa l-Knisja Parrokkjali ta San Publju il-Floriana :

8. ikkommetta serq ta' patrimonju Malti ta' armar tal-festa fil-Knisja u cioe vazun antik liema serq huwa ikkwalifikat bil-lok u bil-valur ghad-dannu ta Stephen Tonna u/jew persuni jew entitajiet ohra Art 261 (c)(e), 267, 269(a), 279(a) u 280(1) tal- Kodici Kriminali.
9. ircieva jew iddetjena proprjeta kulturali li huwa Armar tal-festa fil-Knisja u cioe vazun tal-fidda antik filwaqt Ii kien jaf li din kienet tnehhiet illegalment f' Malta bi ksur tal- Art.53 (e) tal- Kap 445 dwar Wirt Kulturali.

F'xi żmien qabel Awissu 2014 ġewwa l-Knisja ta' Stella Maris, fi Triq il-Kbira Tas-Sliema :

10. ikkommetta serq ta' patrimonju Malti li jikkonsisti f'żewġ lampieri tal-fidda li kienu jifformaw parti minn sett ta' lampieri mżejna fil-Knisja liema serq huwa ikkwalifikat bil-lok u bil-valur ghad-dannu ta Fr. Joseph Bartolo u/jew persuni jew entitajiet ohra Art 261 (c)(e), 267, 269(a), 279(a) u 280(1) tal- Kodici Kriminali.
11. ircieva jew iddetjena proprjeta kulturali li jikkonsisti f'żewġ lampieri tal-fidda li kienu jifformaw parti minn sett ta' lampieri mżejna fil-Knisja ta' Stella Maris filwaqt li kien jaf li dawn kienu tnehhiedu illegalment f' Malta bi ksur tal-Art.53 (e) tal-Kap 445 dwar Wirt Kulturali.

12. F'xi zmien wara 1-14 ta April 2012 gewwa Malta xjentement laqa ghandu jew xtara hwejjeg misruqa, mehuda b'qerq jew akkwistati b'reat u cioe platt tal-fidda antik bl-emblema ta' San Duminku (Patrimonju Malti) b'valur li huwa izjed min elfejn tliet mija u disgha u ghoxrin euro u sebgha w tletin centezmu (€2,329.37) ghad- dannu ta Fr. Alfred Sciberras u/jew persuni jew entitajiet ohra, bi ksur ta' Art 334 (a), 279(b) tal-Kodici Kirminali.

13. F'xi zmien wara l-14 ta April 2012 gewwa Malta ircieva jew iddetjena proprjeta kulturali li huwa platt tal-fidda antik bl-emblema ta' San Duminku filwaqt li kien jaf li din kienet tnehhiet illegalment f' Malta bi ksur tal-Art.53 (e) tal- Kap 445 dwar Wirt Kulturali.

14. F'xi zmien qabel il-21 ta' April 2015 gewwa Malta ircieva jew iddetjena proprjeta kulturali Ii huwa salib tar-ramm li kien jifforma parti min opra sacra filwaqt li kien jaf li din kienet tnehhiet illegalment f'Malta bi ksur tal-Art.53 (e) tal- Kap 445 dwar Wirt Kulturali.

(15) Il-Qorti hija gentilment mitluba sabiex f'każ ta sejbien ta' htija, joghgobha trendi effettiva sentenza ta' sitt xhur prigunerija li kienet sospiza ghal zmien tlett snin mghotija mil-Qorti tal-Magistrati (Malta) Magt. Dr. M. Farrugia nhar 14 ta' Novembru 2012 liema sentenza saret defenittiva u ma tistax tinbidel.

(16) Mitluba wkoll titratta ma **Eric Sapiano** bhala recidiv ta' sentenza moghtija lilu mil-Qorti tal-Magistrati (Malta) Magt. Dr. M. Farrugia nhar 14 ta Novembru 2012 liema sentenza saret defenittiva u ma tistax tinbidel u dan ai termini ta' Artikolu 49, 50 u 289 ta' Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat li matul is-seduta tat-23 t'April 2015 l-Uffiċjal Prosekutur ikkonferma l-imputazzjonijiet bil-ġurament.

Rat li matul l-istess eżami tal-imputat ai termini tal-Artikolu 392(1) tal-Kodiċi Kriminali, l-imputat, debitament assistit mill-konsulent legali tiegħu Dr. Yana Micallef Stafrace tenna li huwa mhux ħati tal-imputazzjonijiet miġjuba kontra tiegħu.

Rat li l-Qorti bdiet tisma' l-provi u tirċievi dokumenti.

Rat li matul is-seduta tat-13 ta' Mejju 2015 l-Uffiċjal Prosekutur ippreżenta imputazzjonijiet ġodda fil-konfront tal-imputat u l-Qorti ordnatlu li jikkonferma l-imputazzjonijiet kif miżjuda bil-ġurament.

Rat li matul l-istess eżami mill-ġdid tal-imputat ai termini tal-Artikolu 392(1) tal-Kodiċi Kriminali, l-imputat, debitament assistit mill-konsulent legali tiegħu Dr. Alfred Abela tenna li huwa ħati tal-imputazzjonijiet miġjuba kontra tiegħu, ħlief għall-addebitu tar-reċidiva imputat lilu fl-aħħar imputazzjoni.

Il-Qorti wissiet lill-imputat bl-aktar mod solenni rigward il-konsegwenzi tal-ammissjoni tiegħu fis-sens li jekk itenni l-ammissjoni tiegħu huwa kien ser jiġi misjub ħati ta' dawk l-imputazzjonijiet li huwa ammetta

għalihom u wara li tkun qieset l-imputazzjonijiet kollha, il-Qorti imbagħad tgħaddi biex timponi l-piena spettanti skont il-Liġi fir-rigward ta' dawk l-imputazzjonijiet li tagħhom jinstab ħati liema piena tista' tkun waħda ta' priġunerija jew xi piena oħra stabbilita bil-Liġi. Wara li tagħtu żmien suffiċjenti sabiex jiddeċiedi jekk hux sejjer jerġa lura mill-ammissjoni reġistrata minnu, fil-presenza tal-konsulent legali tiegħu u wara li kkonferixxa miegħu, l-imputat wieġeb li huwa inkondizzjonatament ħati tal-imputazzjonijiet miġjuba kontra tiegħu ħlief għall-addebitu tar-reċidiva;

Semgħet lill-Avukat Difensur jitlob sabiex isir rapport ta' qabel is-sentenza fir-rigward tal-imputat.  Rat li l-Prosekuzzjoni m'opponietx għal dan u li l-Qorti laqgħet it-talba.

Semgħet ix-xiehda tal-Uffiċjal tal-Probation Maria Mifsud matul is-seduta tal-24 ta' Ġunju 2015 kif ukoll ir-relazzjoni tagħha minn fejn jirriżulta li l-istess uffiċjal irrakkomandat li l-imputat jingħata piena karċerarja b'rakkomandazzjoni lid-Direttur tal-Faċilita Korrettiva ta' Kordin li jsir assessjar psikoloġiku u biex minn hemm ikun jista' jsir pjan ta' kura għall-imputat.

Rat ukoll li matul is-seduta tat-22 ta' Lulju 2015 l-Uffiċjal Prosekutur iddikjara li r-*res furtiva* f'dan il-każ mhux biss ġiet rintraċċjata iżda wkoll ġiet eżibita formalment fl-atti.

Semgħet ukoll it-trattazzjoni tal-partijiet magħmula matul is-seduta tal-25 ta' Jannar 2016.

Rat id-dokumenti eżebiti u l-atti proċesswali kollha, inkluż il-fedina penali tal-imputat;

***Ikkunsidrat : -***

Illi kwantu għal dak li jirrigwarda l-addebitu tar-reċidiva l-Qorti rat li qamet kontroversja bejn il-Prosekuzzjoni u d-Difiża fir-rigward ta' jekk l-imputat għandux jiġi ritenut reċidiv ai termini tal-Artikoli 49, 50 u 289 tal-Kodiċi Kriminali jew inkella kellux jiġi ritenut biss reċidiv skont l-Artikolu 49 tal-Kodiċi Kriminali. Issa kif mistqarr mill-Qorti tal-Appell Kriminali fil-kawża ***Il-Pulizija vs Paul Abela et*** mogħtija nhar l-10 ta' Settembru 2004 mill-Imħallef David Scicluna : -

> L-appellant gie akkuzat ukoll li sar recidiv in vista tas-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati ta' l-1 ta' Lulju 1997. Issa, fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Jason James Agius** moghtija minn din il-Qorti fil-5 ta' Novembru 2001, gie ritenut:
>
> *"Bhal ma dejjem gie ritenut, l-ahjar prova sabiex tigi ppruvata xi akkuza bhal dawn in kwistjoni hi li tigi esebita kopja ufficjali tas-sentenza relattiva, u wara ssir il-prova ta' l-identita` ... l-obbligu tal-prosekuzzjoni li tesebixxi dawk is-sentenzi jibqa' dejjem, minkejja l-esenzjoni moghtija mill-akkuzat li tipproduci prova ta' l-identita`. Jekk ma tigix esebita jew prodotta tali prova permezz tal-kopja ufficjali tas-sentenza li tissemma fl-akkuza, allura wiehed ma jistax jghid li saret l-ahjar prova dwar jekk verament precedentement l-appellant kienx*

*ikkommetta xi reat iehor li tieghu gie misjub hati ...."*

U fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Joseph Zahra** moghtija minn din il-Qorti fl-24 ta' Frar 2003, intqal:

*"Ghalkemm il-fedina penali tista' tittiehed in konsiderazzjoni mill-Qrati ta' Gustizzja Kriminali biex ikunu jistghu jikkalibraw il-piena, l-imputazzjoni tar-recidiva dejjem tinnecessita li ssir il-prova tal-kundanna jew kundanni precedenti; tali prova ssir permezz ta' kopja legali tas-sentenza jew sentenzi precedenti kif ukoll billi jigi ppruvat a sodisfazzjoni tal-qorti - permezz ta' xhieda jew minn ezami tal-istess sentenza jew sentenzi (jekk din jew dawn ikunu jaghtu l-konnotati mehtiega tal-persuna kkundannata) jew minn ezami tal-atti tal-kawza ta' dik is- sentenza jew ta' dawk is-sentenzi precedenti - li dawk is- sentenzi jirreferu ghall-persuna li tkun qed tigi akkuzata bir-recidiva."*

Fil-kaz in ezami ma saret l-ebda prova dwar ir-recidiva. U l-fedina penali ma tikkostitwixxix la l-ahjar prova u lanqas prova alternattiva. Konsegwentement l-akkuza dwar ir-recidiva ma tirrizultax.

Din il-Qorti fliet għal aktar minn darba l-proċess u ma sabet ebda kopja uffiċjali tas-sentenza imsemmija fil-komparixxi, anke kif mibdula. Din il-Qorti għalhekk ma tistax issibu ħati li huwa kien reċidiv.

Mill-banda l-oħra l-imputat, għalkemm ikkontesta r-reċidivita tiegħu, huwa għażel li jammetti għall-imputazzjoni li huwa wettaq uħud mid-delitti de quo fil-perjodu operattiv ta' sentenza ta' priġunerija sospiża mogħtija lilu mill-Maġistrat Dottor Marse-Ann Farrugia nhar l-14 ta' Novembru 2012. Hawnhekk il-Qorti għandha diffikulta sabiex tkun tista' tordna t-twettieq ta' din is-sentenza għar-raġuni li ma għandhiex il-konfort ta' kopja uffiċjali tas-sentenza u li in bażi tagħha tkun tista tara

sewwasew dik il-Qorti x'sentenza tat. L-ammissjoni tal-imputat li huwa wettaq uħud mir-reati de quo matul il-perjodu operattiv ta' sentenza ta' priġunerija sospiża waħedha mhix fil-fehma ta' din il-Qorti ritenuta suffiċjenti sabiex din il-Qorti tkun tista tirrendiha fis-seħħ. Fiċ-ċirkostanzi l-Qorti, wara li rat l-Artikolu 28B(2)(a) tal-Kodiċi Kriminali tqis li fiċ-ċirkostanzi partikolari ta' dan il-każ għandha tastjeni milli tagħmel ordni taħt l-Artikolu 28B(1) tal-Kodiċi Kriminali u b'hekk tħalli fis-seħħ dak il-perjodu operattiv.

# ***<u>Deċide</u>***

li wara li rat l-Artikoli 17, 28A sa 28H, 31,49, 50, 261(c)(e), 267, 269(a), 279(a)(b), 280(1), 289, 334(a) u 533 tal-Kodiċi Kriminali kif ukoll l-Artikolu 53(e) tal-Kapitolu 445 tal-Liġijiet ta' Malta qegħda ssib lil **Eric Sapiano**, mhux ħati tal-addebitu tar-reċidiva kontestat lilu fl-aħħar imputazzjoni, u għalhekk tilliberah minnha.

Inoltre, fir-rigward tal-kumplament tal-imputazzjonijiet kontestati lill-imputat, fuq l-ammissjoni inkondizzjonata tiegħu stess għall-imsemmija imputazzjonijiet, il-Qorti qegħda ssibu ħati tal-istess imputazzjonijiet. Fir-rigward tal-ħmistax il-imputazzjoni qegħda tagħżel li ai termini tal-Artikolu 28B(2)(a) tal-Kodiċi Kriminali, fiċ-ċirkostanzi partikolari ta' dan il-każ, tastjeni milli tagħmel ordni taħt l-Artikolu 28B(1) tal-Kodiċi Kriminali u b'hekk tħalli fis-seħħ dak il-perjodu operattiv. Fir-rigward

tal-kumplament tal-imputazzjonijiet jiġifieri l-imputazzjonijiet numri wieħed sa' erbatax meta l-Qorti rat l-ammissjoni tal-imputat, kif ukoll il-fedina penali tiegħu, nonche' l-fatt li hu kkollabora mal-Pulizija (mhux il-każ li tiġi applikata l-piena fil-massimu tvarja bejn sitt jew seba' snin għal kull reat, li applikati l-prinċipji tal-Artikolu 17(b)(h) tal-Kodiċi Kriminali jistgħu jwalsu għal massimu li jaqbeż l-għoxrin sena priġunerija li din il-Qorti tqis li ma tkunx waħda proporzjonata u b'hekk tagħżel li teroga piena qrib il-minimu), tikkundannah għall-piena komplessiva ta' **seba' snin priġunerija effettiva**.

Inoltre wara li ħadet in konsiderazzjoni r-rakkomandazzjoni magħmula mill-Uffiċjal tal-Probation Maria Mifsud, il-Qorti qegħda tirrakkomanda lid-Direttur tal-Faċilita Korrettiva ta' Kordin sabiex isir assessjar psikoloġiku tal-ħati u biex minn hemm ikun jista' jsir pjan ta' kura għalih.

Inoltre wara li rat l-Artikolu 412D tal-Kodiċi Kriminali, wara li rat il-konklużjonijiet u r-rakkomandazzjonijiet tal-Uffiċjal tal-Probation il-Qorti qegħda tpoġġi lill-ħati taħt Ordni ta' Trattament għal perjodu ta' sentejn millum ai termini tal-Artikolu 412D tal-Kodiċi Kriminali, u dan bil-għan li ma jkunx hemm ripetizzjoni ta' reati simili nonche sabiex jiġi mgħejjun jegħleb diffikultajiet psikoloġiċi li huwa jinstab affett minnhom, b'dan li għal dan l-iskop qegħda tirrakkomanda lid-Direttur tal-Faċilita Korrettiva ta' Kordin sabiex jaħtar professjonisti adetti mal-

istess Faċilita sabiex jippreskrivu dawk it-trattamenti u/jew kura u/jew programmi kollha li jkunu meħtiega biex il-ħati jegħleb b'suċċess dawn id-diffikultajiet liema ordni hija soġġetta għall-kundizzjonijiet elenkati fid-digriet mogħti illum stess u anness ma din is-sentenza u li jifforma parti integrali minnha. Ai termini tal-Artikolu 412D tal-Kodiċi Kriminali, il-Qorti fissret lill-ħati bi kliem ċar u li jinftiehem, l-effetti tal-ordni ta' trattament kif ukoll tal-kondizzjonijiet kollha elenkati fid-Digriet anness ma' din is-sentenza u kif ukoll il-konsegwenzi f'każ li jonqos milli jikkonforma ruħu ma' dawk l-ordnijiet u dawk il-kondizzjonijiet.

A tenur ta' u wara li rat l-Artikolu 533 tal-Kodiċi Kriminali, il-Qorti qegħda tikkundanna lill-ħati wkoll għall-ħlas, lir-reġistratur, tal-ispejjeż kollha li għandhom x'jaqsmu mal-ħatra tal-esperti fl-inkjesta u konfermati matul dawn il-proċeduri li sad-data tas-sentenza jammontaw għas-somma totali ta' tliet elef, tminn mija, ħamsa u għoxrin euro sitta u ħamsin ċenteżmi (€3825.56). Il-Qorti tordna li *ai termini* tal-Artikolu 392A(2) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta l-atti kollha ta' dawn il-proċeduri u kopja ta' din is-sentenza jintbagħtu lill-Avukat Ġenerali fiż-zmien mogħti mil-Liġi.

***Mogħtija illum 30/03/2016 fil-Bini tal-Qrati tal-Ġustizzja, Valletta.***

***Aaron M. Bugeja.***

# QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)

**ORDNIJIET TA' TRATTAMENT**

(MAGĦMUL SKONT L-ART. 412 D TAL-KAP.9 TAL-LIĠIJIET TA' MALTA)

**Maġistrat:** ***Dottor Aaron M. Bugeja M.A. Law, LL.D. (melit)***

**Illum it-30 ta' Marzu 2016**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Saviour Baldacchino)**
**vs**
**Eric Sapiano**

Il-Qorti,

Billi b`sentenza mogħtija llum, fl-ismijiet fuq premessi, **Eric Sapiano** ta' 46 sena, bin il-mejtin John u Giorgina xebba Cassar, imwieled Ħ'Attard nhar il-5 ta' Frar 1969 u residenti fil-fond numru 67, F11, Triq Santa Margerita, Tas-Sliema u detentur tal-karta tal-identita bin-numru 134669M ġie misjub ħati kif imfisser fl-istess sentenza u ġie mpoġġi taħt

Ordni ta' trattament ai termini tal-Artikolu 412D tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta wara li kkunsidrat li jkun xieraq li jsir dan l-Ordni ta' Trattament;

Wara li fissret lill-ħati bi kliem ċar l-effett ta' din l-Ordni ta' trattament u illi jekk jonqos li jħares jew li milli jikkonforma ruħu ma' xi rekwiżit jew kondizzjoni tal-ordni sakemm dan l-Ordni jkun fis-seħħ, il-Qorti tista' twaħlu ammenda ta' mhux iżjed minn elf u mija u erbgħa u sittin euro u disgħa u sittin ċenteżmu (€1,164.69).

Wara li l-ħati wriet li jrid tħares il-kundizzjonijiet ta' din l-Ordni ta' Trattament;

Għalhekk, tordna li l-ħati **Eric Sapiano** jitpoġġa taħt ordni ta' trattament għal perjodu ta' sentejn millum taħt il-kundizzjonijiet hawn taħt imsemmija :

1. It-Trattament ser ikun sabiex il-ħati jagħraf jegħleb diffikultajiet priskoloġiċi li jidher maħkum minnhom u dan skont kif l-Uffiċjal Sorveljanti li għandu jiġi maħtur lilu mid-Direttur tal-Faċilita Korrettiva ta' Kordin jiddetermina fl-aħjar interess tal-ħati u dan sabiex il-ħati jiġi analizzat u trattat għall-imġieba tiegħu.
2. B'mod partikolari l-ħati għandu joqgħod għal dawk id-direttivi jew ordnijiet mogħtija lilu mill-Uffiċjal Sorveljanti fir-rigward ta' kwalunkwe test jew analiżi li l-istess Uffiċjal iħoss li jkunu meħtieġa u kif ukoll li l-ħati għandu jsegwi u joqgħod għal dawk

il-programmi jew trattamenti li l-istess Uffiċjal jista' jippreskrivi lill-ħati minn żmien għal żmien.

3. Li matul il-perjodu tal-Ordni ta' Trattament, il-ħati għandu jġib ruħu tajjeb, joqgħod għad-direttivi u ordnijiet kollha tal-Uffiċjal Sorveljanti u tal-Esperti li lilhom jista jiġi riferut minnu u jżomm dak il-kuntatt meħtieġ magħhom skont il-ħtieġa tal-każ u s-sitwazzjoni.
4. L-Uffiċjal Sorveljanti għandu jirraporta bil-miktub lil din il-Qorti bil-progress tal-ħatja kull sitt xhur.

**TORDNA** li kopja ta' din l-Ordni tingħata lil ħati u lid-Direttur tal-Faċilita Korrettiva ta' Kordin.

______________________________

**(firma tal-persuna mqiegħda taħt l-Ordni ta' Trattament)**

*Doris Serpina,* **Deputat Reġistratur**

***Aaron M. Bugeja,*** **Maġistrat**